MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Numru. 532/2008

PULIZIJA
SUPRETENDENT CARMELO BARTOLO
VS
MAURO SCERRI
SILVIO SCHEMBRI
FRANCIS SCHEMBRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mauro Scerri, ta’ 23 sena, iben Victor u Georgina nee’ Briguglio, imwieled Pieta’, nhar l-24 ta’ Ottubru, 1984, residenti 133, Triq Dun Loret Callus, Zebbug, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 541184(M); lil Silvio Schembri, ta’ 22 sena, iben Joseph u Salvina nee’ Sciortino, imwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Awissu, 1985, residenti 58, ‘Joesal’ Triq Ganni Bonnici, Zebbug u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 407585(M); lil Francis Schembri ta’ 26 sena, iben Joseph u Salvina nee’ Sciortino, imwieled Pieta’ nhar il-5 ta’ April,

1982, residenti 28, Triq Ganni Bonnici, Zebbug u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 226882(M).

Illi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn is-6 ta' Lulju, 2003 u x-xhur ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda;

1) Nhar is-6 ta' Lulju, 2003, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn is-siegha u nofs ta' filghodu (1:30am) u t-tmienja u nofs ta' filghodu (8:30am), waqt li kontu r-Rabat, ikkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAF-194, kif ukoll diversi oggetti li kien go fiha, liema serq li kien ikkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-hin, bil-mezz, bin-natura tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (€ 2329.37) (Lm1000), sar ghad-detriment ta' Peter-Paul Ciantar mir-Rabat;

2) Kif ukoll fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Lulju, 2003, u s-6 ta' Lulju, 2003, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' *set speakers* u tal-*gear lever*, minn karozza pparkjata ta' l-ghamla Suzuki, liema serq li huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-hin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta' persuna b'identita' sa issa mhux maghrufa;

3) Kif ukoll fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Lulju, 2003 u s-6 ta' Lulju, 2003, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' xi ghodda, *handle* tal-*gear lever*, pompa u xi affarijiet ohra minn karozza pparkjata ta' l-ghamla Toyota, liema serq li huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-hin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa sar ghad-detriment ta' persuna b'identita sa issa mhux maghrufa;

4) U aktar talli f'Rahal Gdid, matul il-perjodu ta' bejn is-sebgha u nofs ta' filghaxija (7:30pm) tat-28 ta' Gunju, 2003 u t-tlieta u hamsa ta' wara nofs in-nhar (3:05pm) tad-29 ta' Gunju, 2003, ikkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAO-228, kif ukoll diversi oggetti li kienu gewwa fiha liema serq li huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-hin, bil-mezz, bin-natura tal-haga misruqa kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (€ 2329.37)

(Lm1000), sar ghad-detriment ta’ Stephen Zammit minn Rahal il-Gdid;

5) U aktar talli f’Hal Qormi, matul il-perjodu ta’ bejn il-hdax u nofs ta’ filghaxija (11:30pm) tas-26 ta’ Gunju, 2003 u t-tlieta u ghaxra ta’ filghodu (3:10pm) tas-27 ta’ Gunju, 2003, ikkommettew serq ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAG-515, kif ukoll ta’ oggetti li kienu go fiha u cioe’ il-batterija u xi ghodda, liema serq huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-hin, bil-mezz, bin-natura tal-haga misruqa kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (€ 2329.37) (Lm1000), sar ghad-detriment ta’ Raymond Cremona minn Hal Qormi;

6) U aktar talli fil-Qala, Ghawdex, f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn l-ghaxra ta’ bil-lejl (10:00pm) ta’ nhar il-21 ta’ Gunju, 2003 u disgha u nofs ta’ filghodu (9:30am) tat-22 ta’ Gunju, 2003, ikkommettew serq ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAD-469 kif ukoll diversi oggetti li kienu go fiha u cioe’ *stereo* tal-karozzi u parti mid-*dashboard* ta’ l-istess karozza, liema serq li sar ghad-detriment ta’ Reuben Theuma mill-Qala, Ghawdex, huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-hin, bil-mezz, bin-natura tal-haga misruqa kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (€ 2329.37) (Lm1000);

7) U aktar talli fil-Qala, Ghawdex f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn nofs il-lejl neqsin hames minuti (11:55pm) ta’ nhar il-21 ta’ Gunju, 2003 u s-sitta ta’ filghodu (6:00am) tat-22 ta’ Gunju, 2003, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ zewg xugamani, *handle* tal-*gear lever*, kif ukoll *sun visor* minn vettura pparkjata, bin-numru tar-registrazzjoni JAV-901, liema serq li sar ghad-detriment ta’ Marcel Sam Theuma mill-Qala, Ghawdex, huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-hin, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa;

8) Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta’ bejn is-6 ta’ Lulju, 2003 u x-xhur ta’ qabel din id-data, f’okkazzjonijiet differenti, ikkommettew serq ta’ vettura ohra, liema serq li sar ghad-detriment ta’ sidien ta’ identita’ sa issa mhux maghrufa huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa;

9) U finalment talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn is-6 ta' Lulju, 2003 u x-xhur ta' qabel din id-data, f'okkazzjonijiet differenti, kkommettew serq ta' diversi oggetti minn vetturi pparkjati ohra, liema serq li sar ghad-detriment ta' sidien ta' identita' sa issa mhux maghrufa, huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna il-konfiska tal-vettura MAU-024 a favur il-Gvern ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati;

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-*presentencing reports* tal-Probation Officer nominat u r-rakkomandazzjonijiet tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 271, 279 u 280(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 7 u 18 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputati taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat u tordna li t-tlett imputati jaghmlu hamsin (50) siegha xoghol

kull wiehed fil-komunita' taht dawn il-provvedimenti li jidhirlu xieraq id-Direttur tal-Probation Services.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' giovanili ta' l-imputati, l-fatt illi t-tlett imputati ghandhom fedina penali nadifa netta u in vista ta' rakkomandazzjonijiet ghaqlin tal-Probation Officer nominat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------